

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 193/2012

tas-26 ta' Ottubru 2012

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) u l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2012 tat-28 ta' Marzu 2012 li jemenda l-Annessi I u II għad-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi u limiti ta' azzjoni għad-diossini u l-poliklorobifenili<sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2012/154/UE tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-monitoraġġ tal-preżenza ta' alkaloidi tal-ergotina fl-għalf u fl-ikel<sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġislazzjoni dwar l-għalf u tal-ikel. Il-leġislazzjoni li tirrigwarda l-oġġetti tal-għalf u tal-ikel m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agricoli tiġi estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali fl-Anness I u fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (4) L-Annessi I u II għall-Ftehim ŻEE għandhom għaldaqstant jiġu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I għall-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jidded fil-punt 33 (Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“— **32012 R 0277**: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 277/2012 tat-28 ta' Marzu 2012 (ĠU L 91, 29.3.2012, p. 1).”

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 40 (Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“40a. **32012 H 0154**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2012/154/UE tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-monitoraġġ tal-preżenza ta' alkaloidi tal-ergotina fl-għalf u fl-ikel (ĠU L 77, 16.3.2012, p. 20).”

## Artikolu 2

Taħt l-intestatura “ATTI LI L-PARTIJIET KONTRAENTI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM” il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 13 (Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/161/UE) tal-Kapitolu XII tal-Anness II għall-Ftehim ŻEE:

“14. **32012 H 0154**: Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2012/154/UE tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-monitoraġġ tal-preżenza ta' alkaloidi tal-ergotina fl-għalf u fl-ikel (ĠU L 77, 16.3.2012, p. 20).”

## Artikolu 3

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 277/2012 u r-Rakkomandazzjoni 2012/154/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għal *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

## Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, dment li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

## Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE għal, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

(<sup>1</sup>) ĠU L 91, 29.3.2012, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU L 77, 16.3.2012, p. 20.

(\*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.